# Beati u Qaddisin ...Frar

## Santa Agata, Vergni u Martri

## 5 Frar



Sant'Agata giet moghtija l-martirju lejn nofs is-seklu III . Twieldet bejn wiehed u iehor lejn is-sena 235 gewwa Katanja fi Sqallija li kienet fid-dominju ruman. F'dawk iz-zminijiet kienet fis-sehh persekuzzjoni kontra l-insara.

Fit-tielet seklu l-editt ta' l-imperatur Settimo Severo kien jghid li dawk l-insara li kien jichdu l-fidi taghhom fil-pubbliku kienu jigu mehlusa mill-mewt. Izda ghal kuntrarju kienu jinghataw il-mewt dawk li kienu jibqghu fidili lejn it-taghlim ta' Kristu, wara li kienu jigu torturati.

L-imperatur Decju fis-sena 249 kien aktar drastiku u ordna li l-insara kellhom jigu mfittxija, arrestati, mahqura u moghtija l-mewt.

Dawk iz-zminijiet Katanja kienet belt ta' gid kbir billi fiha u minnha kien isir negozju li jhalli bosta gid. Minhabba l-importanza taghha geografika din il-belt kellha prokonslu jew gvernatur, jismu Quinziano, bniedem bla qalb li kellu setgha kbira u jghix f'palazz mimli lsira u qaddejja u li minnu kien imexxi l-attivita' pubblika tal-belt.

Skond xi dokumenti li ghadhom jezistu msejha Passio Sancte Agathae tat-tieni nofs tal-V seklu Agata kienet membru ta' familja sinjura u nobbli minn Katanja; missierha kien jismu Rao u Ommha Apolla, it-tnejn propjetarji ta' djar u oqsma ta' agrikoltura kemm fil-belt kif ukoll fil-kampanja.  Billi kienu nsara edukaw lil binthom fir-religjon nisranija.

Billi kibret f'ambjent migbur, it-tfajla hasset il-htiega li tkun ta' Kristu u meta kellha 15 il-sena hasset li wasal il-mument li tikkonsagra ruhha lil Kristu. L-isqof ta' Katanja laqa' it-talba taghha u f'ceremonja msejha VELATIO libbisha l-velu ahmar, l-ilbies li kien jintlibes mill-vergni konsagrati.

Il-prokonslu ta' Katanja, Quinziano, raha, u nqeda' bl-editt ta' Decju u akkuzaha li hija zebilhet ir-religjon ta' l-istat. Kienet akkuza komuni kontra l-insara biex dawn ikunu migjuba quddiem il-qorti u jinghataw il-mewt. Ordna li jgibuha quddiemu fil-Palazz tieghu halli jistharrigha.

Hafna tradizzjonijiet popolari jindikaw li Agata harbet biex ma tkunx arresata u sabet kenn fost postijiet ohra gewwa Malta, imma hi x'inh,i Agata inqabet u giet mehdua quddiem Quinziano.

Quinziano msahhar bis-sbuhija tat-tfajla riedha ghalih izda Agata cahditu billi hija kienet diga ta' Gesu'. Afdaha f'idejn kortegjana ta' kostumi hziena bit-tama li jbeghdilha qalbha mill-gharusa divin taghha, izda hija baqghet ferma u soda fil-principji taghha minkejja l-okazzjonijiet  kbar ta' dnub li poggietha fihom din is-seftura biex thazznilha qalbha.

Quinziano meta ra li kollox kien ghalxejn baghatha minn tortura ghal ohra biex tbiddel fehmitha u tichad lil Kristu. Fl-ahhar qatghalha sidirha u fost tbatija kbira tefaghha fic-cella. Imma hija sofriet kollox ghal mahbub taghha Kristu Gesu'. Bil-lejl San Pietru flimken ma' tfajjel igorr lanterna fejjaqaha u hadet sahhitha mill-gdid.

Meta wara erbat ijiem haduha quddiem il-prokonslu, dan baqa' mistghageb ghal ahhar u staqsa kif seta' jsehh dan.  Dlonk wegbithu Agata li kien Gesu' li mill-gdid taha sahhitha. Meta Quinzano ra ruhu mirbuh intella qilla u ordna li tkun

mahruqa u skond it-tradizzjoni waqt li n-nar kien qed jikkonsma lil gisimha, il-velu taghha baqa' intatt.

Il-velu ta' Agata mill-ewwel sar relikwija  prezzjuza u ta' spiss jingarr fi processjoni meta l-Vulkan Etna juri snienu u l-qawwa tieghu.

Waqt il-martirju taghha sehh terremot li rieghed lil belt ta' Katanja.  Il-folla tal-Katanizi rribellaw kontra din il-mohqrija tant li Quiziano ta ordni li Agata titnehha minn din it-tbatija u tittihed fic-cella fejn ftit wara mietet. Sena wara l-mewt taghha l-Etna wera' il-qawwa tal-vjolenza tieghu naturali hekk hafna nsara u anke pagani grew lejn il-qabar ta' Agata jitolbuha l-ghajnuna taghha. Minn dak in-nhar il-Katanizi hatruha protettrici taghhom.

L-ahhar darba li l-velu relikwija ttiehed fi processjoni mill-arcisqof ta' Katanja biex jieqaf l-eruzjoni tal-vulkan kienet is-sena 1886.  L-kult lejn din il-qaddisa zaghzugha ghandu gheruq fil-fond fi Sqallija u anke gewwa l-Italja.